# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 156/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Guido Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Guido Attard talli fid-29 ta' Jannar, 2000 u matul ix-xhur ta' qabel, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, qabad u nehha l-*aerial* tat-televizjoni proprjeta` ta' Frederick Chatland minn fuq il-bejt tal-fond tieghu; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi tordna lil Attard li jerga' jirripristina l-*aerial* fl-post li kien;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Gunju, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Guido Attard hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25), u ordnatlu li fi zmien tlett xhur jerga' jirripristina l-*aerial* u l-*cable* li jforni l-istampa lit-televizjoni ta' Frederick Chatland taht penali ta' zewg liri kulljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Guido Attard, minnu ppresentat fid-19 ta' Gunju, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. It-tieni aggravju huwa, bazikament, illi dak li huwa ghamel ma kienx jammonta ghar-reat ta' *ragion fattasi* kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodici Krminali, peress li kullma huwa ghamel kien li agixxa biex inehhi perikolu li kien jezisti fuq il-bejt tieghu, u, di piu`, l-*aerial* kien jinsab fuq il-bejt b'semplici tolleranza. L-ewwel aggravju hu maghmul jikkonsisti filli l-Artkolu 377(3) tal-Kodici Kriminali ma kienx

jawtorizza lill-ewwel qorti li tordnalu li jerga' jpoggi f'postu l-*earial* u l-*cable*, kif fil-fatt gie ordnat jaghmel.

Din il-Qorti, wara li semghet il-provi kollha, inkluz lix-xhud prodott in difesa (Anthony Zammit) hi sodisfatta li dak li gara kien li wara li Frederick Chatland ilmenta ma' l-appellant dwar ilma tax-xita li kien diehel fil-proprjeta` tieghu mill-proprjeta` tal-istess appellant, l-appellant ilmentalu dwar l-*aerial* tat-televizjoni (li kien jinsab fuq il-bejt ta' l-appellant). Skond l-appellant dana l-*aerial* kien fi stat perikoluz. Pero` kemm mix-xhieda ta' Aldo Scicluna – il-persuna li Chatland qabbad biex jaghmel it-tiswijiet mehtiega – kif ukoll mid-deposizzjoni ta' Anthony Zammit – il-persuna li l-appellant qabbad biex inehhi materjalment l-*aerial* – kullma jirrisulta li kellu bzonn dana l-*aerial* kien li jissahhulu xi ventijiet. Effettivament Chatland qabbad lill-imsemmi Scicluna biex jaghmel dana x-xoghol, izda gurnata qabel ma dana Scicluna kellu jmur jaghmel dak li kien mehtieg huwa gie nfurmat li l-appuntament kien thassar mill-appellant. L-appellant in segwitu qabbad lil Zammit biex izarma l-*aerial* u b'hekk ippriva lil Chatland mill-possibilita` li jara t-televizjoni permezz ta' l-istess *aerial*. Huwa irrelevanti il-fatt li fiz-zmien meta tnizzel l-*aerial* Chatland kien dahhal ukoll il-*cable television*, ghall-anqas biex jippruvah. Dana l-*aerial* kien ilu fuq il-bejt ta' l-appellant 'l fuq minn ghoxrin sena (skond Chatland, hamsa w tletin sena). Fi kliem l-appellant stess, meta xehed fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru, 2000: "Nehhejtu [l-*aerial*] jiena ghax kien perikolu u kien spicca l-uzu tieghu".

Kif gie imfisser diversi drabi minn din il-Qorti (ara, per ezempju, is-sentenza tas-17 ta' Frar, 1995 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia*** – App. nru. 267/94), erbgha huma l-elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi* skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali: (1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, esperssa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor, (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt, (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. Din il-Qorti hi sodisfatta, minn dak li ntqal aktar 'l fuq, li dawn l-erba' elementi jirrisultaw sodisfacentement pruvati. Kienet korretta, ghalhekk, l-ewwel qorti li sabitu hati kif sabitu.

Kwantu ghall-ewwel aggravju – cioe` li f'dan il-kaz ma kellux jigi applikat l-Artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali – din il-Qorti ttenni dak li qalet fis-sentenza taghha tad-9 ta' April, 1996 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Salvu Farrugia***[1], u cioe` li l-kliem "disordni jew inkonvenjent" f'din id-disposizzjoni, bhall-kelma "inkonvenjent" fl-Artikolu 321(1) tal-Kap. 10, jinkludu l-istat ta' fatt li jaghti lok ghar-reat, cioe` dak l-istat ta' illegalita` li b'xi mod ikun jirrikjedi l-intervent gudizzjarju biex jigi fit-tmiem. Normalment l-ordni moghti mill-qorti jkun wiehed sabiex xi haga titnehha, pero` mhux eskluz li jista' jkun hemm kazijiet fejn l-

[1] Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Maria Philippa Bondin***, App. Krim. 5/3/97; u ***Il-Pulizija v. Antoine Agius***, App. Krim. 28/1/2000.

ordni jkun sabiex xi haga li tkun tnehhiet terga' titqieghed f'postha (u dan specjalment fil-kuntest tal-Artikolu 312(1) tal-Kap. 10 fejn il-qorti tista' tordna lill-hati sabiex "jezegwixxi l-ligi"). Fil-kaz in dizamina, pero`, din il-Qorti hi tal-fehma li mhux indikat ordni taht l-imsemmi subartikolu (3) tal-Artikolu 377 tal-Kodici Kriminali, u dan peress li l-istat li fih kien l-*aerial* ta' Chatland meta tnehha mill-appellant ma kienx wiehed ottimali (ghalkemm, kif inghad, ma kienx hemm il-perikolu li kien qed jahseb li kien hemm l-istess appellant). Fi kliem iehor, ordni simili jkun ifisser li l-appellant ikollu jerga' jpoggi l-*aerial* fl-istat hazin li kien fih qabel ma zzarma. Dan ma jkun ta' gid ghal hadd.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrvokaha f'dik il-parti biss fejn ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tlett xhur jerga' jirripristina l-*aerial* u l-*cable* li jforni l-istampa lit-televizjoni ta' Frederick Chatland taht penali ta' zewg liri kulljum fin-nuqqas, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur